**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 12 ta' Ġunju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Dutdi Bari**
**Numru tal-Pulizija: 19C-091**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Dutdi Bari ta' 18-il sena, iben Seidu Bari u Binta Bari, imwieled Conackry fil-Guinea nhar l-1 ta' Jannar, 2001, residenti ġewwa Ħal Far Tent Village u detentur tan-numru tal-Pulizija 19C-091;

Akkużat talli nhar il-11 ta' Ġunju, 2019 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

Kellu fil-pussess tiegħu dokument maħrug minn awtorità kompetenti, cioè passaport tal-Italja, innumerat MD9050939 u maħruġ f' isem Doumbia Sekou u Permesso di Soggiorno, innumerat I17513167 u maħruġ fuq l-istess isem imsemmi aktar qabel, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ttrasferit lilu minn persuna oħra (Kapitolu 61, Taqsima 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u cirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuna oħra, cioè dak diġa imsemmi (Kapitolu 61, Taqsima 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz lil-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni (Kapitolu 217, Taqsima 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport jew dokument jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport jew dokument li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, mibdula jew sar xi tibdil fihom (Kapitolu 61, Taqsima 5 tal-Liġijiet ta' Malta).

Akkużat ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kapitolu 9, Taqsima 189 tal-Liġijiet ta' Malta).

Akkużat ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorità leġittima, uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-att li jkun falsifikat skont l-Att dwar l-Imigrazzjoni (Kapitolu 217, Taqsima 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha.

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni min-naħa l-waħda n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinsab ħati u ċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll mill-banda l-oħra, li l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha u li l-imputat huwa minuri ta' 16-il sena u li għalhekk il-Prosekuzzjoni m'hijiex tinsisti għall-piena ta' priġunerija effettiva.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 3, 4 u 5 tal-Kapitolu 61, l-Artikolu 32(1)(c) u (f), tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 189 tal-Kapitolu 9, fuq ammissjoni qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tiġi sospiża għal żmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skond il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Tordna wkoll id-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-ħati stante illi kien minuri fiż-żmien tal-każ odjern.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat